*-kawża kostituzzjonali dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq wara li l-kawża ġiet iddikjarata deżerta*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 24 TA' NOVEMBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 151/19GM**

**Patrick Spiteri**

**vs**

**Avukat tal-Istat li bi provvediment tal-10.03.2020 ġie sostitwit bl-Avukat tal-Istat**

**u**

**Sylvana Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Patrick Spiteri u r-risposti taż-żewġ intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tagħha tat-3 ta' Diċembru li permezz tiegħu ordnat l-allegazzjoni tal-proċess 55/2009RGM.[1]

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati rispettivi tal-partijiet kontendenti.

Rat il-provvediment tagħha tas-17 ta' Settembru, 2020, li bih ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

***Il-fatti***

M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok għal din il-kawża, li svolġew kif ġej:

Fit-3 ta' Diċembru 1997 iżżewwġu r-rikorrent u l-intimata Sylvana Spiteri. Fis-16 ta' Frar 2009, ir-rikorrent fetaħ proċeduri ċivili permezz tal-kawża numru 55/09 fl-ismijiet Dr Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri li permezz tagħha talab li ż-żwieġ jiġi ddikjarat null wara li allega illi fil-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-istess żwieġ, l-intimata kienet għadha miżżewġa lil ħaddieħor. L-intimata laqgħet għal din l-allegazzjoni billi ppreżentat digriet ta' divorzju *nunc pro tunc* maħruġ fid-19 ta' Diċembru 2002 li permezz tiegħu iż-żwieġ ta' bejnha u bejn Jon Edwards ġie maħlul, liema digriet ġie mogħti b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 1992. Ir-rikorrent argumenta illi l-*punctum* temporis rilevanti huwa l-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bejn il-partijiet. F'dak il-mument l-intimata, għalkemm kienet għadha marbuta bi żwieġ preċedenti ċċelebrat ġewwa l-Istati Uniti tal-Amerika, ma tat l-ebda evidenza ta' dan iż-żwieġ lir-Reġistratur taż-Żwiġijiet

[1] Fol 40.

qabel ma nħarġu l-bandi appożiti għaż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti. It-talba tar-rikorrent ġiet milqugħa permezz ta' sentenza tal-Qorti fit-30 ta' Marzu 2011.[2]

Sylvana Spiteri appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell komposta mill-Onorevoli Prim Imħallef Silvio Camilleri, l-Onorevoli Mħallef Albert.J Magri u l-Onorevoli Mħallef Tonio Mallia, li b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 ħassret is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti wara li kkonkludiet li bis-saħħa tad-digriet tal-Qorti ta' California, l-intimata ma kinitx marbuta bi żwieġ ieħor meta żżewġet lill-attur fit-3 ta' Diċembru 1997 billi l-annullament li kisbet l-intimata wara d-data taż-żwieġ tagħhom kien retroattiv u filfatt hija kienet '*restored to the status of unmarried person'* u dan '*as of January 1, 1992'* u allura il-intimata setgħet liberament tiżżewweġ lir-rikorrent fil-jum indikat[3]. Il-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-każ peress li diversi kawżali oħra dwar ir-raġuni għaliex ż-żwieġ tar-rikorrent kellu jiġi ddikjarat null ma ġewx ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti.

Fil-15 ta' Frar 2012, ir-rikorrent fetaħ kawża ta' ritrattazzjoni biex jattakka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Huwa bbaża l-aggravju tiegħu fuq l-applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Qorti tal-Appell skont tal-Artikolu 811(1)(e) u ukoll billi is-sentenza tal-istess Qorti kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża skont l-Artikolu 811(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issottometta illi l-Qorti tal-Appell applikat liġi barranija meta fil-fatt dak li kellu jiġi applikat kien biss Artiklu 6 tal-Kap 255 u xejn iżjed, liema artikolu jirreferi għall-mument taċ-ċelebrazzjoni tal-istess żwieġ u huwa dak il-*punctum temporis* li jrid jiġi eżaminat u mhux x'seta' ġara wara. Għalhekk sostna li fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bejn ir-rikorrent u l-intimata, id-digriet ta' divorzju bejn l-intimata u Jon Edwards kien għadu mhux effettiv retroattivament.

[2] Vide process allegat Vol 1 a fol 174.
[3] Dok A a fol 5

Sylvana Spiteri eċċepiet preliminarjament li r-rimedju mitlub lir-ritrattant mhuwiex komtemplat mil-liġi għaliex il-kawża bejniethom kienet għadha għaddejja u r-rimedju maħsub mil-liġi huwa dak ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża u mhux sempliċiment tħassir ta' sentenza u għalhekk kawża li għadha pendenti ma tistax tiġi mismugħa mill-ġdid kif mitlub mir-ritrattant.

Il-kawża ta' ritrattazzjoni ġiet appuntata quddiem Qorti tal-Appell komposta *inter alia* mill-Onorevoli Imħallef Silvio Camilleri u l-Onorevoli Imħallef Tonio Mallia li kienu tnejn mill-imħallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell li kienet ippronunzjat is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011. Għalhekk Patrick Spiteri talab ir-rikuża tagħhom. Fit-30 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni ta' rikuża[4] billi l-meritu tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011 kien jekk iż-żwieġ tal-kontendenti kienx null a bażi tal-Artikolu 6 tal-Att Dwar iż-Żwieġ filwaqt li l-eċċezzjoni preliminari tal-kawża ta' ritrattazzjoni kien jekk ir-rimedju tar-ritrattand kienx kontemplat mil-liġi. Għalhekk iddeċidiet li l-meritu tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011 kien għal kollox differenti minn dik l-eċċezzjoni preliminari b'mod illi ma setax jingħad li l-Imħallfin li qatgħu is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 urew il-fehma tagħhom "**dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha**" kif jgħid l-Artikolu 734(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex imħallef jiġi rikużat.

Fit-30 ta' Mejju 2013 l-Qorti ċaħdet ukoll it-talba għal-ritrattazzjoni[5] wara li rraġunat li ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' deċiżjoni meta l-atti tagħha qegħdin quddiem qorti oħra. Is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 ma ddisponietx mill-kawża u allura ma kien hemm lok għal ebda ritrattazzjoni. Il-Qorti tal-Appell laqgħet l-eċċezzjoni ta' Sylvana Spiteri li r-ritrattazzjoni tista' tintalab biss fil-każ ta' kawża deċiża fil-meritu b'sentenza li tkun għaddiet *in*

[4] Dok B a fol 15
[5] Dok C a fol 18

*gudikat* u f'dan il-każ il-kwistjoni li tolqot il-validita` tal-partijiet kienet għadha pendenti u mistħarrġa mill-qorti kompetenti.

Wara din is-sentenza, kien hemm deżerzjoni min-naħa ta' Patrick Spiteri fil-kawza ta' nullita` taż-żwieġ fl-ismijiet 'Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri' (55/2009). Skont ir-rikorrent ġara hekk għax kien marid. Din il-kawża ġiet ikkanċellata fit-23 ta' Marzu 2017.

Ir-rikorrent fetaħ il-proċedura preżenti li permezz tagħha qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi bil-fatt li l-proċedura ta' ritrattazzjoni numru 55/09 fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri** instemgħu mill-Qorti tal-Appell li fil-kompożizzjoni tagħha kienet tinkludi tnejn mit-tliet imħallfin li bis-sentenza preċitata tal-25 ta' Novembru 2011 kienu ddeċidew il-kawża li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jikkostitwixxi ksur u vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
>
> "2. Konsegwentament tħassar u tirrexxindi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013 fil-kawża numru 55/09 fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri vs Sylvana Spiteri** u tibgħat l-atti lir-Reġistratur biex jiġu assenjati lill-Qorti tal-Appell diversament komposta;
>
> "3. Tagħti kull rimedju ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun sabiex tispurga l-vjolazzjoni msemmija, inkluż billi tillikwida kumpens favur ir-rikorrenti".

Il-premessi għal dawn it-talbiet huma:

> "Illi l-fatt li t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet quddiem l-istess Qorti li fil-kompożizzjoni tagħha kellha tnejn minn tliet imħallfin li kienu ddeċidew il-kawża li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni jivvjola d-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq stante li tali proċedura ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluż billi ma toffrix il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita' li huma tant essenzjali għall-prinċipju ta' *fair trial*.

> "Illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem diġa` kellha l-opportunita' li tqis ċirkostanza simili fil-każ San Leonard Band Club vs Malta (deċiż fid-29 ta' Lulju 2004) fejn sabet illi t-talba għar-ritrattazzjoni ġiet assenjata lill-istess Qorti komposta identikament kif kienet il-Qorti li tat is-sentenza li tagħha kienet qed tintalab ir-ritrattazzjoni, kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-parti għal smigħ xieraq".

Sylvana Spiteri eċċepiet illi l-kawża numru 55/2009RGM ġiet ikkanċellata b' digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2017 għaliex il-proċeduri ġew abbandunati milir-rikorrent odjern.

> "Dan il-fatt għandu jwassal għal tlett (3) konsiderazzjonijiet:
>
> "a) Illi t-tieni talba bl-implikazzjonijiet tagħha tal-proċediment fis-smiegħ tal-imsemmija kawża ma hiex intelleġibbli billi ebda kawża kanċellata u deżerta skont il-liġi ma għandhix tingħata ħajja mill-ġdid, partikolarment jekk id-deżerzjoni tkun ġejja mill-abbandunament tal-proċeduri mill-istess rikorrent;
>
> "b) Illi l-meritu tal-kawża għadu sa issa mhux definittivament deċiz u jista' għalhekk jigi propost mill-ġdid mir-rikorrent;
>
> "ċ) L-istat ma għandhux għalfejn jipprovdi rimedji kostituzzjonali liċ-ċittadin illi jkun volontarjament abbanduna r-rimedji ordinarji disponibbli għalih jew jiddeklina jeżerċitah".

L-Avukat Ġenerali eċċepixxa :

> "3. Illi fil-każ odjern ma hemm l-ebda lok għal rikuża skont id-disposizzjonijiet li jirregolaw ir-rikuża ta' ġudikant fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili artikolu 733 et seq (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi l-artikolu 734 tal-Kap 12 jagħmilha ċara liema huma dawk iċ-ċirkostanzi u sitwazzjonijiet meta l-eċċezzjoni ta` rikuża ta` Imħallef tista tiġi imqajjma. Jekk ma teżisti l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet mela allura Imħallef ma jistgħax jirrikuża ruħu.
>
> "4. Illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jagħtux id-dritt lill-parti li tagħżel il-ġudikant bħalma lanqas ma tagħtiha d-dritt li tbiddel il-ġudikant jekk dan ma jkunx jinżel wisq tajjeb

magħha. Kuntrarjament dak li jeħtieġu dawn iż-żewġ artikli tal-liġi huwa li l-ġudikant ikun indipendenti u imparzjali. F'dan il-każ ma joħroġx mill-istqarrijiet tar-rikorrenti kif miġjuba fir-rikors kostituzzjonali li l-Onorevoli Imħallfin ma osservawx dawn iż-żewġ kwalifiki msemmija fil-liġi. Tabilħaqq ma jirriżultax li l-Onorevoli Imħallfin kienu b'xi mod ippreġudikati jew *biased* kontra xi parti fil-kawża ċivili, bħalma lanqas ma jirriżulta li huma mexxew il-kawża bi ksur tal-prinċipji li jsawwru s-smigħ xieraq. Huwa evidenti li l-partijiet kollha fil-kawża ingħataw u qed jingħataw l-istess drittijiet ugwali kemm proċedurali u sostantivi.

"5. Illi l-kunċett ta' imparzjalita' suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawża: ċertament li tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita' tkun ġustifikata b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalita' suġġettiva u/jew oġġettiva ta' ġudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-ġudikant huwa dejjem preżunt li huwa imparzjali u li bħala ġudikant hija munita bil-garanziji kollha meħtieġa sabiex jiġi assigurat s-smigħ xieraq.

"6. Fil-provediment tat-30 ta` Novembru 2012 il-Qorti tal-Appell fissret sew għalfejn hi tal-opinjoni li l-Onorevoli Imħallfin Silvio Camilleri u Tonio Mallia m`għandhomx jirrikuzaw ruħhom milli jiddeċiedu t-talba għar-ritrattazzjoni. F`dak il-provvediment il-Qorti għamlitha ċara li l-kwistjonijiet li kellha quddiema kienu separati u distinti minn xulxin għaliex :

> '*Kif tajjeb osservat il-intimata, pero`, għal fini ta' stħarriġ u deċiżjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari ma sar ebda pronunzjament f'din il-kawża minn din il-Qorti. Il-meritu tas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 kien jekk iż-żwieġ tal-kontendenti kienx null a bażi tal-Artikolu 6 tal-Att dwar iż-żwieġ, filwaqt li l-meritu tal-eċċezzjoni preliminari huwa jekk "ir-rimedju mitlub mir-ritrattand huwiex kontemplat mil-liġi". Il-meritu huwa kompletament divers, u jekk din il-Qorti, kif issa komposta, tqis u tiddeċiedi din l-eċċezzjoni, bl-ebda mod ma tkun qed teżamina l-operat tagħha stess. Din il-Qorti tat sentenza dwar jekk iż-żwieġ tal-kontendenti ux null jew le a bażi ta' kawżali waħda partikolari, u jekk issa jistax jew le ssir ritrattazzjoni mis-sentenza huwa meritu kompletament differenti. Huwa ovvju, fil-fehma tal-Qorti, illi l-meritu tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011 huwa għal kollox differenti minn dak tal-eċċezzjoni preliminari, b'mod illi ma jistax jingħad illi l-imħallfin li qatgħu s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 urew il-fehma tagħhom "dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha", kif jgħid u*

*jrid l-Artikolu 734(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex imħallef jista' jiġi rikużat. L-imħallfin li dwarhom tressqet l-eċċezzjoni b'ebda mod ma urew il-fehma tagħhom dwar jekk is-sentenza tistax jew le, f'dan l-istadju, tiġi ritrattata – il-kwistjoni li hija l-meritu tal-eċċezzjoni preliminari. Ma hemm xejn għalhekk li jżommhom milli jisimgħu u jiddeċiedu fuq din l-eċċezzjoni (ara, bħala rifless fuq dan il-punt, il-provvediment mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2012 fil-kawża Bugeja v. Il-Prim Ministru et)'.*

"7. Illi l-esponent jaqbel perfettament ma` din id-deċizjoni fis-sens li mertu li jirrigwarda jekk żwieġ hux null minħabba bigamija u mertu ieħor dwar jekk sentenza tistax tiġi ritrattata huma kompletament differenti minn xulxin u allura ma jeżistux l-elementi imsemmija fl-artikolu 734(1)(d) tal-Kap 12 biex il-ġudikant jirrikuża ruħu.

"8. Illi in kwantu għal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġjonevoli, u jinstemgħa minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'liġi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi.

"9. Illi jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' ntralċ ta' smigħ xieraq liema salvagwardji jigarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust. Ċertament li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma huma mittiefsa biċ-ċaħda tat-talba għar-rikuża tal-Imħallef sedenti. Għalhekk m`hemm l-ebda leżjoni ta` dawn l-artikoli".

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti sejra titratta l-punt jekk it-talbiet għat-tħassir tas-sentenza jew provvediment tar-rikuża u għat-tħassir tas-sentenza tar-ritrattazzjoni jistgħux isiru, tenut kont li l-kawża ġiet deżerta, billi f'każ ta' eżitu negattiv ma jkunx il-każ li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati.

Id-deżerzjoni hija tip ta' perenzjoni tal-azzjoni. Il-kelma *perenzjoni* ġejja mill-verb Latin *perimere* li jfisser *teqred.* Tfisser l-estinzjoni tal-istanza ġudizzjali, ikkaġunata mill-abbandun li fih il-partijiet ikunu ħallew il-ġudizzju billi jonqsu li jagħmlu atti tal-proċedura tul iż-żmien stabbilit mil-liġi. Il-kittieba ma jaqblux dwar l-oriġini ta' dan l-istitut. Hemm min isib l-ewwel tracċi tiegħu fis-sistema tal-*formulario* fiż-żminijiet Rumani bikrija; uħud isibuh l-ewwel darba fid-dritt ta' Gustinjanu; u oħrajn isibuh fid-dritt Franċiż *a jure vere gallico.*

Hi x'inhi l-oriġini tiegħu, l-iskop ewlieni ta' dan l-istitut huwa dak li l-kawżi ma jitwalux bla bżonn għal żmien intollerabilment twil. Bżonn li nħass kemm mil-leġislaturi antiki kif ukoll dawk tallum. Hu preżunt mis-silenzju u t-traskuraġni tal-partijiet li jkunu abbandunaw il-kawża. Din il-preżunzjoni sempliċi tiġi, *utilitatis causa,* ikkonvertita mil-leġislatur fi preżunzjoni assoluta, *iuris et de iure,* li permezz tagħha id-dritt li titkompla l-kawża jiġi maqtul.

F'ċertu sens, il-perenzjoni tixbaħ lill-preskrizzjoni. Fid-dritt sostantiv, il-preskrizzjoni toqtol l-azzjoni; fid-dritt proċesswali, il-perenzjoni toqtol l-istanza ġudizzjali – għalkemm ma toqtolx ukoll l-azzjoni, u għalhekk il-kawża tkun tista' terġa' tiġi miftuħa mill-ġdid.

It-talba ewlenija tar-rikorrent hija mmirata għat-tħassir tas-sentenza li ċaħdet it-talba għar-ritrattazzjoni. Fl-ipotesi li din il-Qorti tilqa' din it-talba, il-Qorti tal-Appell kif komposta mill-ġdid b'imħallfin differenti tiddeċiedi jekk hemmx lok li titħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 (*in rescindente*) u, fil-każ affermattiv, tipproċedi biex tisma' dik il-kawża mill-ġdid (*in rescissorio*). B'danakollu, dik l-istess kawża ġiet abbandunata mir-rikorrent. Għalhekk ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi biex tinstama' mill-ġdid għaliex ir-rikorrent stess irrinunzja definittivament għaliha. Dan ikopri wkoll is-sentenza *in parte* li ngħatat fil-mertu, għaliex din hija wkoll parti mill-kawża. Altrimenti l-effett ikun li kawża "kostituzzjonali" tintuża' mhux biex jiġi rettifikat ksur ta'

jedd fundamentali, imma biex jiġi miksur dritt fundamentali ieħor – dak li kawża tinqata' fi żmien raġonevoli - billi tiġi mminata u miġjuba fix-xejn is-sistema proċedurali ordinarja intiża biex il-kawżi ma jitwalux b'mod kważi infinit.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA